MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 91/2007/1

Fl-Atti tal-mandat ta' Sekwestru Numru 726/07 fl-ismijiet:-

**Awtorita` Marittima ta' Malta**

**vs**

**Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat is-segwenti provvediment:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors;
>
> Rat ir-risposta ta' l-intimat;
>
> Semghet lill-partijiet;

> Tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiddikjara illi stante kontestazzjoni gustifikata da parti tar-rikorrenti;
>
> Tilqa’ t-talba; u
>
> Tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu 2007 li bih kienet ordnat l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ sekwestru 726/07.”

L-Awtorita` Marittima ta’ Malta appellat minn dan id-digriet b’ dawn l-aggravji:-

(1) Proceduralment, ir-rimedju adoperat mis-socjeta` Polidano Brothers Limited taht l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12 ma kienx dak idoneju;

(2) F’ kull kaz, il-hlas li sar lilha mis-socjeta` msemmija ma kienx jestingwi l-pretensjoni taghha ghall-imghaxijiet u spejjez gudizzjarji;

Opportunement, il-perkors li wassal ghal dan l-appell qed jigi rijassunt kif gej:-

(1) B’ ittra ufficcjali tas-6 ta’ Lulju 2006 a tenur ta’ l-Artikolu 166A, Kapitolu 12, l-Awtorita` Marittima interpellat lis-socjeta` appellata thallasha s-somma ta’ tmien mija u ghoxrin lira (Lm820) flimkien ma’ l-imghaxijiet mid-data tal-fattura (13 ta’ Marzu, 2003) u l-ispejjez legali;

(2) Din l-ittra ufficcjali giet debitament notifikata lis-socjeta` Polidano Brothers Limited fil-11 ta’ Lulju 2006 (ara riferta tal-purtier a fol. 7) izda din ma opponietx ghat-talba fiha dedotta fit-terminu statutorju utli prevvist mis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 166A. Konsegwentement, dik l-istess ittra ufficcjali giet reza titolu esekuttiv skond is-subinciz (4) ta’ l-istess artikolu;

(3) Fit-28 ta' Awissu 2006 il-kumpanija hallset l-ammont tal-kreditu pretiz permezz ta' Bank Draft. Skond l-ittra akkompanjanti jinghad li dan il-hlas kien qed isir "*in full and final settlement of invoice 95193*". Ix-xhud Joseph Ciappara prodott mill-Awtorita` Marittima ma jeskludix li din l-ittra giet ricevuta mill-Awtorita`;

(4) Fit-12 ta' Marzu 2007 l-Awtorita` tablet, u otteniet ukoll, il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv Numru 726/07 ghall-imghaxijiet u spejjez legali. Fuq dan l-att inghad testwalment illi s-somma mitluba kienet hekk dovuta "ai termini ta' ittra ufficcjali esekuttiva numru 4201/06 prezentata fis-6 ta' Lulju 2006 illi giet reza ezekuttiva skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 nhar it-18 ta' Awissu 2006";

(5) Fit-30 ta' Marzu 2007 is-socjeta` Polidano Brothers Limited intavolat rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex din tirrevoka *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha tat-13 ta' Marzu 2007 li bih ordnat l-ezekuzzjoni tal-Mandat *de quo*;

(6) L-ewwel Qorti iddisponiet minn din it-talba billi laqghetha permezz ta' digriet kamerali (ara verbal tat-18 ta' April 2007), hawn fuq espost;

Huwa evidentement distingwibbli minn dan il-kwadru ta' l-*iter* riprodott illi l-<u>att ezekuttiv</u> kostitwit mill-Mandat ta' sekwestru inkiseb bis-sahha tat-<u>titolu ezekuttiv</u> kostitwit bl-ittra ufficcjali tas-6 ta' Lulju 2006. Fis-sistema tal-ligi procedurali taghna l-opposizzjoni tad-debitur ghal wiehed jew ghall-iehor huma markatament distinti minn xulxin. B' mod generali l-kriterju distintiv jikkonsisti f' dan li jsegwi:

(1) L-opposizzjoni ghall-esekuttivita` tat-titolu, kif dixxiplinata mill-Artikolu 166A, subinciz (6), hi dik li permezz taghha d-debitur jikkontesta l-azzjoni ezekuttiva, jew ghal raguni li hu ma kienx jaf bl-ittra ufficcjali ghaliex ma kienx notifikat kif imiss, jew minhabba invalidita` jew inefficjenza ta' l-ittra ufficjali li kkrejat it-titolu ezekuttiv. Opposizzjoni bhal din hi, allura, mahsuba biex b' xi wahda

minn dawn il-gravami ritwali, ahjar prevvisti mis-subinciz (5) ta’ l-istess artikolu, jigi negat lil parti l-ohra d-dritt li tipprocedi ghall-ezekuzzjoni forzata in forza ta’ dak it-titolu. Hi, kwindi, opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni fejn permezz taghha jigu kkontestati l-ezistenza, jew il-persistenza, tat-titolu ezekuttiv, l-idonejeta` tieghu, u l-ammissibilita` guridika ta’ l-ezekuzzjoni ko-attiva tal-kreditu;

(2) Gjaladarba s-subinciz (4) ta’ l-istess Artikolu 166A jannovera dak it-titolu ezekuttiv, kostitwit mill-ittra ufficcjali, fil-parametri ta’ l-Artikolu 253 (a), l-opposizzjoni ghall-att ezekuttiv innifsu mahrug bis-sahha ta’ dak l-istess titolu ezekuttiv tista’ ssir skond il-forma u l-modalita` specjali preskritti mill-Artikolu 283A tal-Kodici ritwali. Anke fil-hsieb ta’ din il-Qorti r-*ratio legis* kontemplata b’ dan l-artikolu ghandha b’ oggett l-accertament ta’ irregolaritajiet formali ta’ l-att ezekuttiv innifsu, u mhux ukoll dak tal-mertu li bis-sahha tieghu jkun inhareg l-istess att ezekuttiv. Fir-rigward, din il-Qorti tikkondividi pjenament l-espressjoni ta’ fehma ta’ l-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, sedenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, in kwantu din tillustra sew, u wisq korrettement, ir-raguni ghal liema l-legislatur iddetta dan id-dispost ta’ ligi. A propozitu, ara d-decizjonijiet ta’ dik il-Qorti fl-ismijiet “**Emanuel Vella -vs- Lloyd’s Malta Ltd**” (30 ta’ Ottubru, 2003, “**Edward Pace -vs- Michael Sultana**” (5 ta’ Mejju, 2005) u “**Francis Chetcuti -vs- Saint George’s Park Company Limited**” (18 ta’ Mejju, 2006);

(3) Naturalment, l-adoperu tar-rit specjali preskritt mill-Artikolu 283A mhux l-unika tutela li l-ligi takkorda lid-debitur fil-kontestazzjoni tieghu ta’ l-att ezekuttiv. Tant hu hekk li l-istess artikolu jahseb bil-kliem introduttivi tieghu illi dik l-opposizzjoni, b’ dak ir-rit, hi koncessa “minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra”. Li jfisser, fil-qafas delinejat mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili illi l-opposizzjoni ghall-att ezekuttiv tista’ ssir ukoll bi procediment introdott, u zvolt, bil-forma tal-process kontenzjuz ordinarju, kif applikabbli f’ dan il-kaz ghall-proceduri quddiem Qorti tal-Magistrati;

(4) A differenza mill-kaz tar-rit specjali taht l-Artikolu 283A, u fejn *expressis* jinghad li dik il-procedura tigi konkjuza permezz ta' digriet separat, moghti fil-qorti bil-miftuh (subinciz 4 tieghu), il-procediment kontenzjuz ordinarju jintemm bi provvediment li jivvesti fih il-karatteristici ta' sentenza vera u proprja;

Maghmula din l-introduzzjoni qasira, huwa evidentement car mill-kontenut ta' l-ewwel motiv ta' aggravju illi l-Awtorita` Marittima appellanti qed iggib 'il quddiem kwestjoni incidenti fuq ix-xorta tar-rit procedurali maghzul mis-socjeta` appellata ghall-opposizzjoni taghha ta' l-att ezekuttiv tal-mandat tas-sekwestru. Hi titlaq mill-punt illi ghalkemm is-socjeta` appellata ma ndikatx b' mod car fuq liema disposizzjoni tal-ligi kienet qeghda tartikola t-talba taghha, l-indikazzjoni hi, anke minn dak ammess mill-kontroparti quddiem l-ewwel Qorti, illi s-socjeta` appellata kienet optat ghall-procedura fit-termini ta' l-Artikolu 283A. Jekk dan kienx hekk verament il-kaz din il-Qorti la tista' tikkonfermah u lanqas tikkonfutah, billi tali ma jirrizulta minn ebda dikjarazzjoni fl-att tar-rikors introduttiv, u lanqas minn xi verbal tas-socjeta` appellata fil-kors tal-procediment. Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax ma tikkonstatax minn certi atti u atteggjament fil-kondotta ta' l-istruzzjoni tal-kaz illi l-partijiet ittrattaw il-materja proprju mill-ottika tal-precitat Artikolu 283A in kwantu l-punt dwaru kien gie hekk sollevat mill-Awtorita` appellanti fir-risposta taghha ghar-rikors tas-socjeta` appellata. Dan huwa, imbaghad, indott ukoll mill-fatt illi anke ghall-istess l-ewwel Qorti d-decizjoni taghha fuq ir-rikors promotur kellha tiehu l-forma ta' digriet u mhux dik ta' sentenza. In effetti, l-istess socjeta` appellata ma deherilhiex li kellha tikkwerela l-verbal tal-Qorti tat-18 ta' April 2007 li bih dik il-Qorti ddifferiet ir-rikors ghal digriet kamerali;

*Rebus sic stantibus*, l-aggravju ta' l-Awtorita` appellanti fuq l-aspett procedurali tal-materja ma jistax jitqies irragonevoli. Dan ghaliex, kif gja hawn fuq espress, l-impunjattiva tal-mandat *de quo* skond ir-rit prevvist mill-

Artikolu 283A ma setax ikun premess fuq kwestjoni tal-kongruwita u dik ta' l-opportunita` li ta lok ghall-att izda biss ghal ragunijiet ta' difetti formali ta' l-att ezekuttiv innifsu. Jikkonsegwi, illi l-bazi tal-lanjanza tas-socjeta` appellata ghat-talba interposta kellha tkun wahda ritwali u mhux fil-mertu. Dan biex ma jinghadx ukoll illi d-digriet moghti huwa radikalment null u ma jista' jkollu ebda kontenut decizorju gjaladarba ma nghatax, kif trid il-ligi, "fil-qorti bil-miftuh";

Jekk trid il-Qorti tista' tieqaf hawn, una volta sabet gustifikazzjoni fl-ewwel aggravju. Ankorke pero` kellha tokkupa ruhha mit-tieni obbjezzjoni, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi anke hawn ghandha tipprevali t-tezi ta' l-Awtorita` appellanti;

Kif saput, fil-kaz ta' kreditu ta' somma ta' flus, di regola jkollok l-ezistenza simultaneja ta' kreditu ghall-kapital u ta' kreditu accessorju ghall-interessi u l-ispejjez. Iz-zewg krediti huma likwidi u esigibbli. F' dan il-kaz partikolari t-tnejn kienu affermati u domandati bl-ittra ufficcjali li tat lok ghat-titolu ezekuttiv;

Is-socjeta` appellata tippretendi illi la ghamlet il-hlas tas-somma kapitali mitluba "*in full and final settlement*", allura l-Awtorita` appellanti ma kellhiex dritt tikkonsegwi l-hlas ta' l-imghax u ta' l-ispejjez legali bl-att ezekuttiv. Il-kwestjoni kellha allura timpernja ruhha fuq il-konsiderazzjoni dwar jekk il-hlas, b' dak il-mod, ghandhiex isservi ta' liberazzjoni tas-socjeta` appellata mill-kumplament tal-hlas tad-debitu pretiz mill-Awtorita` appellanti. Fl-opinjoni tal-Qorti jezistu zewg ragunijiet il-ghala din il-liberazzjoni ma tistax tigi accettata. Ibda biex, il-pagament, hekk kwalifikat ghas-saldu, kien intiz biex jestingwi biss l-ammont tal-fattura specifika indikata fl-ittra akkompanjanti l-Bank Draft. Fit-tieni lok, gjaladarba kienet l-istess socjeta` appellata li imputat dak il-hlas ghas-saldu ta' dik il-fattura partikulari, il-kreditu accessorju ghall-interessi u l-ispejjez legali kellu jibqa' ferm u insodisfatt, u dik id-dikjarazzjoni unilaterali

tas-socjeta` appellata ma kellhiex isservi biex testingwi wkoll l-obbligazzjonijiet kollha tas-socjeta` appellata debitrici versu l-Awtorita` Marittima appellanti. Dan anke ghaliex dan il-kreditu ghal dawk l-interessi u spejjez legali ma kienx jikkonfigura fil-fattura u allura, bis-sahha tat-titolu ezekuttiv ottenut, l-Awtorita` setghet dejjem tipprosegwi bl-opportun att ezekuttiv tal-Mandat ghal pagament tieghu.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha maghmula din il-Qorti tiddikjara illi l-procedura adottata mis-socjeta` appellata mhix dik idoneja fil-parametri ta' l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12, u li, f' kull kaz, id-digriet moghti mhux konfacjenti mad-disposizzjonijiet tieghu u qed jigi dikjarat null u bla effett. In vista tal-premess l-appell qed jigi milqugh, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------